**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 t'April, 2001

**Numru 1**

**Avviz. numru 113/01JR**

**The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra, kif lokalment rappresentata hawn Malta mill-agenti taghha Dingli Co. International Limited**

**vs**

**Promessa Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' sitta u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm86.40), hlas ta' "royalty", in kwantu ghal zewg licenji hawn indikati: licenzja numru 010965 (Dok.A) ghall-ammont ta' bilanc dovut ta' wiehed u hamsin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm51.13) "royalty" u seba' liri u sebgha w sittin

**cenetezmu (Lm7.67) taxxa fuq il-valur mizjud, licenzja numru 010966 (Dok.B,B1) ghall-ammont ta' erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm24.00) "royalty" u tlett liri Maltin u sittin centezmu (Lm3.60) taxxa fuq il-Valur Mizjud, rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tas-socjeta` konvenuta rigwardanti l-istabbiliment La Promessa, ghall-perijodu mis-6 t'Awissu, 2000, sal-5 t'Awissu, 2001;**

**Is-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 t'Ottubru, 2000, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni  tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitta u tmenin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm86.40), bl-imghaxijiet legali mis-6 t'Awissu, 2000, sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 t'Ottubru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**